# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 22 ta' April 2021**

**Kawza Numru: 5**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 642/2016 JVC**

**Victor Portelli**

**vs**

**Maria Lourdes sive Lourdes Barun u zewgha**
**Emanuel Barun**
**Charles Portelli**
**Vincenza sive Vivienne Gauci**
**Salvatore sive Silvio Portelli**
**Helen Baldacchino**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Victor Portelli kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi l-attur huwa iben il-mejta Esther Portelli li mietet fis-sebgha u ghoxrin ta' Mejju 2014 (17.5.2014) skond l-anness estratt tac-certifikat tal-mewt markat **Dok A**.

2. Illi l-attur irrinunzja ghal wirt tal-istess ommu Esther Portelli kif jirrizulta mill-annessa nota ta' rinunzja digriet numru 431/2016 mahrug mill-Qorti Civili (sezzjoni ta' gurisdizzjoni Volontarja) u iskrizzjoni fir-Registru Pubbliku tal-istess hawn annessi u markati Dok B u Dok C rispettivament izda zamm favur tieghu is-sehem rizervat skond il-ligi kif jirrizulta minn l-istess **Dok B u Dok C**;

3. Illi mir-ricerki testamentarji tal-istess Esther Portelli jirrizulta li l-mejta Esther Portelli innominate u istitwixxiet bhala werrieta universali tal-gid kollu taghha lis-sitt uliedha cieo lill-attur u lill-konvenuti, Maria Lourdes sive Lourdes Barun, Charles Portelli, Vincenza sive Vivienne Gauci, Salvatore sive Silvio Portelli u lil Helen Baldacchino, (ricerki testamentarji u kopja tal-ahhar zewg testmenti annessi u markati **Dok D**). f'ishma ndaqs bejniethom bis-sostituzzjoni volgari favur uliedhom u bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom.

4. Illi inoltre matul hajjitha l-imsemmija Esther Portelli dehret fuq kuntratt ta' bejgh publikat min-nutar Dottor Victor Bisazza fis-16 ta' Dicembru 2005 li permezz tieghu trasferiet lill-intimati Maria Lourdes Barun u lil zewgha Emanuel

Barun l-fond li jinsab numru tletin (30) gia numru mija u erbatax zbarra mija u hmistax (114/115) bl-isem Maria Regina Triq San Mikiel Birzebbugia libera u franka. **(Dok E)**

5. Illi da nil-bejgh huwa donazzjoni simulat that l-apparenza ta' trasferiment oneruz kif evidenzjat mill-prezz baxx dikjarat u n-nuqqas ta' prova tal-hlas tieghu mill-intimati u ghalhekk hemm lok li dan it-trasferiment jitqies bhala donazzjoni ghal-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

6. Illi jirrizulta wkoll li l-mejta Esther Portelli iddisponiet gratwitament aktar mis-sehem li bil-ligi setghet tiddisponi minnu.

7. Illi konsegwentement id-disposizzjonijiet testamentarji ta' Esther Portelli ma ghandhomx effett, stante li l-attur rrinunzja ghal wirt ta' ommu u zamm ferm l-jedd tieghu ghas-sehem rizervat, filwaqt li hemm lok ghat-tnaqqis tad-donazzjonijiet maghmula minnha favur l-intimati konjugi Barun u dan sabiex l-esponenti jkun jistgha jircieva s-sehem rizervat lilu bil-ligi mill-assi ta' Esther Portelli.

8. Illi ghalhekk kif jirrizulta mill-anness albero geneologico, (**Dok F**) l-ulied tal-mejjet Emanuel Portelli (decuius) huma sitta, u allura s-sehem riservat li jmiss lill-esponenti atturi huwa dak ta' wiehed minn tnax (1/12) tal-valur tal-beni tad-decuius (artikolu 616 tal-Kodici Civili).

9. Illi s-sehem riservat mil-ligi huwa protett u ghandu jinghata lil min hu intitolat ghalih l-ewwel u qabel kollox, inkluz qabel kwalsiasi legat imholli.

10. Illi minn ricerka li ghamlu r-rikorrenti atturi mal-banek lokali rrizultalhom li l-flus appartenenti lil mejjet missierhom Emanuel Portelli gew zbankati mill-intimata ohthom Maria Lourdes sive Lourdes Barun li ghalhekk interpellatha biex tghaddi lir-rikorrenti sehemhom tas-sehem rizervat, liema sehem jappartjeni lill-omm l-attur, ai termini tal-Artikolu 620 tal-Kodici Civili, l-istess Barun baqghet tirrifjuta li taghmel dan.

11. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-eredi kollha tal-mejta ommu kif rikjest mill-ligi.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi u dawk kollha li jirrizultaw fit-trattazzjoni ta' din il-kawza, prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista tirrizulta mehtiega l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(i) Tiddikjara u tiddeciedi li l-esponenti ghandu jedd ghas-sehem rizervat lilu bil-ligi fuq il-beni tal-mejta ommu Esther Portelli konsistenti dan is-sehem f'dodicesima parti (1/12) indiviza;

(ii) Tiddikajra u tiddeciedi li l-kuntratt ta' bejgh favur l-intimati Emanuel u Maria Lourdes konjugi Barun li jinsab numru tlein (30) gia numru mija u erbatax zbarra mija u hmistax (114/115) bl-isem Maria Regina Triq San Mikiel Birzebbugia huwa donazzjoni simulat taht l-apparenza ta' bejgh u konsegwentement tordna li l-istess trasferiment ghandu jitqies bhal donazzjoni ghal finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;

(iii) Tiddikjara li nofs il-flus li kellu depozitati f'ismu l-mejjet Emanuel Portelli mart Esther Portelli jappartjenu lil mejta Esther Portelli stante li jifformaw parti mil-komunjoni tal-akwisti tal-istess konjugi Portelli;

(iv) Tillikwida s-sehem rizervat bil-ligi favur l-attur fuq il-beni tal-mejta Esther Portelli hekk likwidati;

(v) Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihalsu lill-attur is-sehem rizervat hekk likwidat u dovut.

B'rizerva ghall kull azzjoni ohra spettanti lill-attur u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1344/2016 Mag. Caroline Farrugia Frendo kontra l-konvenuti intimati li minn issa huma ingunti in subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata ta' Maria Lourdes sive Lourdes Barun et kif isegwi:

1. 'Preliminarjament, l-eccepjent Emanuel Barun mhux legittimu kuntradittur ghat-talbiet attrici, u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, billi l-istess eccepjent mhuwiex eredi tal-mejta Esther Portelli.

2. Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, mhux minnu li l-bejgh mill-mejta Esther Portelli favur l-eccepjenti konjugi Barun tan-nuda proprjeta' ta' partijiet divizi mill-fond 30, Triq San Mikiel, Birzebbugia, kien donazzjoni simulat taht l-apparenza ta' bejgh, u dan kif ser jigi ppruvat ahjar fil-kors ta' din il-kawza.

   Ghall-kuntrarju, l-eccepjenti hallsu lill-mejta Esther Portelli prezz gust tad-drittijiet trasferiti lilhom fuq il-fond

imsemmi, tenut kont ukoll tal-limitazzjonijiet u l-oneri pattwiti bl-att ta' trasferiment favur il-venditrici.

3. It-tielet talba attrici hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt, u ghandha tigi michuda, billi l-attur diga' talab bi procediment separat is-sehem rizervat lilu bil-ligi fuq l-eredita' ta' missierha, liema eredita' jippretendi li kienet tikkomprendi wkoll il-flejjes kollha depozitati f'isem l-istess missieru Emanuel Portelli.

4. F'kull kaz, l-attur ghandu jipprova kif trid il-ligi l-konsistenza u l-provenjenza ta' kwalsiasi gid li jippretendi li jappartjeni lill-eredita' ta' ommu Esther Portelli.

5. Minghajr pregudizzju, u f'kull kaz, fil-komputazzjoni tas-sehem rizervat mitlub mill-attur ghandhom jitqiesu kwalsiasi rigali li l-attur ircieva minghand ommu Esther Portelli f'hajjitha, kif ukoll id-djun kollha tal-eredita' taghha, liema djun jinkludu fost ohrajn il-hlasijiet dovuti lill-eccepjenti Maria Lourdes Barun ghas-servizzi u l-assistenzi li tat lil ommha Esther Portelli.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.'

Rat il-verbali, affidavits, xiehda, dokumenti u provi kollha fl-atti;

Rat ir-rapporti tal-Perit Tekniku Elena Borg Costanzi a fol. 296 et seq tal-process u fol. 418 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal tat-23 ta' Marzu, 2021 l-partijiet infurmaw il-Qorti li l-mertu tal-vertenza kien gie transatt u li l-kawza kellha tigi differita ghal decizjoni dwar l-ispejjez;

Rat ukoll li fl-istess verbal gie maqbul bejn il-partijiet li l-intimat Emanuel Barun mhux eredi u lanqas huwa wiehed mill-ahwa u li ghandu jigi estromess mill-proceduri.

Rat l-atti kollha;

**Ikkunsidrat;**

Illi din hija decizjoni dwar l-ispejjez tal-kawza wara li l-partijiet infurmaw il-Qorti li l-mertu tal-kawza gie transatt bejniethom u ghalhekk gie ezawrit. Il-partijiet izda nsistew ghal decizjoni dwar l-ispejjez.

Illi l-fatti fil-kawza odjerna huma li l-attur Victor Portelli irrinunzja ghall-wirt ta' ommu Esther Portelli permezz ta' nota ta' rinunzja esebita fl-atti a fol. 7 tal-process u li ggib id-data tat-23 ta' Mejju, 2016. Permezz tal-kawza odjerna huwa qed jitlob li l-intimati hutu eredi jhallsu s-sehem rizervat lilu bil-ligi fuq il-beni tal-mejta ommu Esther Portelli konsistenti f'sehem ta' dodicesima parti (1/12) indiviza u dan wara li l-Qorti tiddikjara kuntratt ta' bejgh li sar mill-mejta tal-proprjeta' 114/115 Maria Regina, Triq San Mikiel, Birzebbugia (esebit a fol. 22 et seq tal-process) lill-intimata Maria Lourdes Barun bhala donazzjoni simulata.

Illi l-intimati Maria Lourdes sive Lourdes Barun u zewgha Emanuel Barun, debitament notifikati, pprezentaw risposta a fol. 56 tal-process fejn eccepew li l-istess Emanuel Barun mhux il-

legittimu kontradittur, li fil-mertu mhux minnu li l-bejgh tal-proprjeta' kien donazzjoni simulata, li bejn il-partijiet hemm kawza ohra pendenti dwar is-sehem riservat dovut lill-attur derivanti mill-eredita' tal-missier u li l-attur ghandu jressaq hu il-prova tal-konsistenza tal-atti u li fil-komputazzjoni tas-sehem rizervat ghandhom jitqiesu kwalsisasi rigali li rcieva l-attur minghand ommu Esther Portelli f'hajjitha u djun dovuti mill-mejta lill-intimata ghas-servizzi u assistenzi li tat lil ommha.

Jirrizulta illi permezz tal-verbal tal-1 ta' Novembru, 2016 din il-Qorti diversament preseduta ddikjarat lill-intimati kollha ghajr Maria Lourdes u zewgha Emanuel Baruna bhala kontumaci.

Illi mir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Elena Borg Costanzi a fol. 307 tal-process irrizulta li l-valur tal-proprjeta' in kontestazzjoni b'relazzjoni mat-talba dwar id-donazzjoni simulata giet stmata fis-somma ta' erbgha u hamsin elf ewro (€54,000). Illi dan il-valur gie rivedut permezz tar-rapport datat 28 ta' Ottubru, 2017 a fol. 418 et seq tal-process fejn gie ndikat li l-valur tal-proprjeta' f'Mejju, 2014 kien ta' hamsa u sittin elf ewro (€65,000);

Illi fl-atti giet pprezentata diversa dokumentazzjoni sabiex tevidenzja l-valur tal-assi mobbli tad-decujus fosthom dokumentazzjoni mill-Banek;

Illi a fol. 464 tal-process giet esebita kopja ta' ittra ufficjali 1954/16 datata 8 ta' Gunju, 2016 li permezz taghha r-rikorrent nforma lill-intimati hutu li kien irrinunzja ghall-wirt ta' ommu u nterpellahom ihallsuh sehem riservat fis-somma ta' ghaxart elef Ewro a saldu (€10,000). Il-kawza odjerna giet prezentata numru

ta' gimghat wara fl-1 ta' Awissu, 2016. Rat li fl-atti giet esebita t-taxxa u spejjez dovuti relatati mal-istess ittra ufficjali.

Il-Qorti rat li wara li fil-verbal tat-13 ta' Ottubru, 2020 saret offerta a saldu tal-mertu mill-intimata Maria Lourdes Barun u wara li fil-verbal tal-10 ta' Dicembru, 2020 r-rikorrent accetta l-hlas ta' hamest elef Euro (€5,000) a saldu tal-mertu tal-kawza odjerna, l-partijiet sa dakinhar ma waslu ghall-ebda ftehim dwar l-ispejjez.
Rat ukoll li fil-verbal tat-23 ta' Marzu, 2021 gie maqbul u verbalizzat kif isegwi:

'Dr Lia ghall-konvenuta Barun jaqbel li l-offerta illi huwa ghamel fil-verbal tal-10 ta' Dicembru 2020 tkun tinkludi biss is-sehem ta' wiehed minn hamsa tal-ispejjez li jkun talvolta dout minnha. Hija taghmilha cara li mhux lesta li taghmel tajjeb ghal erba' partijiet minn hamsa l-ohra mill-ispejjez li ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom il-konvenuti l-ohra. . . .
. . . Il-partijiet jabqlu allura illi s-somm ta' hamest'elef tinkludi l-kwinta parti mill-ispejjez tal-proceduri dovuta minn Maria Lourdes Barun.

Dr. Mallia tiddikjara ghan-nom tar-rikorrent li hija taqbel ma' dak verbalizzat suggett li r-rikorrent ma jehel l-ebda spejjez minn dawn il-proceduri. Jekk dan ikun il-kaz allura jkun jirrizulta li l-mertu tal-kaz odjern ikun ezawrit fil-konfront tal-intimati kollha ghajr ghal sentenza dwar l-ispejjez fil-konfront tal-intimati eskluz Emanuel Barun.'

Il-Qorti vverifikat mill-atti, kif gia suespost, li l-intimati kollha eskluz Emanuel Barun gew debitament interpellati sabiex jersqu ghall-hlas tas-sehem riservat permezz ta' ittra ufficcjali numru ta'

gimghat qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna. Rat illi fl-atti ma gietx pprezentata l-ebda evidenza li l-intimati kkontestaw il-pretensjoni tar-rikorrent permezz ta' risposta ghall-ittra ufficcjali nterpellatorja. Mhux biss izda anki fil-proceduri odjerni, li nfethu wara l-interpellazzjoni, l-intimati kollha ghajr Maria Lourdes Barun u zewgha Emanuel Barun, baqghu kontumaci b'dan li hallew li l-process jitwal ghal mill-anqas hames snin minghajr soluzzjoni. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tqis li l-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, li setghu facilment jigu evitati li kieku l-initmati poggew bil-qieghda ma' huhom l-attur wara l-interprellazzjoni u waslu ghal kompromess anki in vista tal-valur minimu tal-assi tad-decujus, ghandhom jigu sopporati mill-hames intimati f'sehem ugwali bejniethom.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Testrometti lill-intimat Emanuel Barun mill-atti u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Tiddikjara l-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet ezawrit a bazi tal-ftehim kif kontenut fil-verbali tal-10 ta' Dicembru, 2020 u 23 ta' Marzu, 2021;

3. Dwar l-ispejjez tiddikjara li l-ispejjez kollha tal-kawza odjerna kif mitluba fir-rikors guramentat u nkluz l-ispejjez taz-zewg rapporti tal-Perit Tekniku u tal-ittra ufficjali esebita fl-atti, ghandhom jigu sopportati ugwalment f'sehem ta' kwinta parti kull wiehed mill-intimati Maria Lourdes Barun,

Charles Portelli, Vincenza sive Vivienne Gauci, Salvatore *sive* Silvio Portelli u Helen Baldacchino.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**22 ta' April 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**22 ta' April 2021**